MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 34/2006

**Benny Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' ibnu minuri Mario Vella; Sharon mart Mimmo Cucchiara u Joanne mart Michael Sciberras**

**Vs**

**Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex, Direttur Registru Pubbliku ghal Malta.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-atturi fil-21 ta' April 2006 li permezz taghha ppremettew illi:

1. L-attur Mario Vella twieled fis-sittax (16) ta' Awwissu elf disgha mija u disghajn (1999), liema twelid gie registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Victoria, Ghawdex permezz ta' l-att ta' twelid numru mitejn u sitta u tmenin (286) ta' l-elf disgha mija u wiehed u disghajn (1991).

2. Illi dan l-att tat-twelid ta' Mario Vella huwa skorrett ghaliex fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", l-isem tal-missier jidher bhala "Beninio" meta fil-fatt kellu jkun "Benny".
3. Illi l-attrici Joanne Sciberras (nee' Vella) twieldet fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex, permezz ta' l-att ta' twelid numru mitejn u tlieta u ghoxrin (223) ta' l-efl disgha mija u tmenin (1980).
4. Illi l-att tat-twelid ta' Joanne Sciberras huwa skorrett ghaliex fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", l-isem tal-missier jidher bhala "Benigno" meta fil-fatt kellu jkun "Benny".
5. Illi l-attrici Joanne Sciberras trid lid an l-att ikun korrett, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem Beninio ghandha ssir korrezzjoni fis-sens li l-isem jigi sostitwit bl-isem "Benny".
6. Illi l-attrici Sharon Cucchiara (xebba Vella) twieldet fid-19 ta' Ottubru ta' l-efl disgha mija u tmienja u sebghin (1978) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex, permezz ta' l-att ta' twelid numru mitejn u sittin (260) ta' l-elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978).
7. illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attrici Sharon Cucchiara huwa skorrett stante li fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" l-isem tal-missier jidher bhala "Benjamin sive Belinn" meta fil-fatt kellu jkun "Benny".
8. Illi l-attrici Sharon Cucchiara trid f'dan l-att issir korrezzjoni, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem "Benjamin sive Belinn" ghandha ssir korrezzjoni u l-isem jaqra "Benny".
9. Illi l-attrici Joanne Sciberras (xebba Vella) izzewget ma' Michael Sciberras fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan iz-zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' l-att taz-zwieg numru hmistax zbarra elfejn u hamsa (15/2005).
10. Illi dan l-att taz-zwieg relattiv ghaz-zwieg ta' l-attrici Joanne Sciberras huwa skorrett billi fil-kolonna intestate "Genituri tal-Mizzewgin" l-isem ta' missier il-mara jidher bhala Benigno meta dan fil-fatt kellu jkun "Benny".

11. Illi l-attrici Joanne Sciberras trid li ssir korrezzjoni f'dan l-att, b'mod illi kull fejn fuqu jirrikorri l-isem "Benigno" dan ghandu jigi kkoregut u sostitwit bl-isem "Benny".
12. Illi l-attrici Sharon Cucchiara (xebba Vella) izzewget flimkien ma' Mimmo Cucchiara fit-tmiienja u ghoxrin ta' Gunj tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan iz-zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ghal Malta permezz ta' l-att taz-zwieg numru elf tlett mija u sebgha u tmenin zbarra elfejn u tlieta (1387/2003).
13. Illi dan l-att taz-zwieg relattiv ghaz-zwieg ta' l-attrici Sharon Cucchiara huwa skorrett billi fil-kolonna intestate "Genituri tal-Mizzewgin" l-isem ta' z-zewg genituri taz-zewg partijiet thalla vojt.
14. Illi l-attrici Sharon Cucchira trid lid an l-att ikun ikkoregut, b'mod illi fuqu l-isem tal-genituri tar-ragel jibdew jidrhu Salvatore Cucchiara u Vincenza xebba Cucinella, filwaqt illi isem il-genituri tal-mara jibdew jidrhu Benny Vella u Rose Vella xebba Formosa.

Talbu ghalhekk l-atturi sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mitejn sitta u tmenin (286) ta' l-elf disgha mija u wiehed u disghajn (1991) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid ta' l-attur Mario Vella kif rapprezentat, huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.
2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid numru mitejn u sitta u tmenin (286) ta' l-elf disgha mija u wiehed u disghajn (1991) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid ta' l-attur Mario Vella, bilil kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem "Beninio" dan ghandu jigi sostitwit u miktub "Benny".
3. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mitejn u tlieta u ghoxrin (223) ta' l-elf disgha mija u tmenin (1980) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid ta' l-attrici Joanne Sciberras, huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.
4. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru mitejn u tlieta u ghoxrin (223) ta' l-elf disgha mija u tmenin (1980) relattiv ghat-twelid ta' Joanne Sciberras (xebba Vella), billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri

l-isem “Benigno” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”.

5. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mitejn u sittin (260) ta’ l-elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici Sharon Cucchiara huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.

6. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-Att tat-twelid numru mitejn u sittin (260) ta’ l-elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978) relattiv ghat-twelid ta’ Sharon Cucchiara (xebba Vella), billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem “Benjamin sive Belinn” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”.

7. Tiddikjara illi l-att taz-zwieg numru hmistax zbarra elfejn u hamsa (15/2005) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghaz-zwieg ta’ l-attrici Joanne Sciberras (xebba Vella) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

8. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-att taz-zwieg numru hmistax sbarra elfejn u hamsa (15/2005) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghaz-zwieg ta’ l-attrici Joanne Sciberras (nee’ Vella) b’mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem “Benigno” dan ghandu jigi kkoregut u sostwit bl-isem “Benny”.

9. Tiddikjara illi l-att taz-zwieg numru elf tlett mija u tmenin zbarra elfejn u tlieta (1387/2003) fir-Registru Pubbliku ghal Malta relattiv ghaz-zwieg ta’ l-attrici Sharon Cucchiara (xebba Vella) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

10. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-Att ta’ Zwieg numru elf tlett mija u sebgha u tmenin zbarra elfejn u tlieta (1387/2003) fir-Registru Pubbliku ghal Malta relattiv ghaz-zwieg ta’ l-attrici Sharon Cucchiara (xebba Vella) b’mod illi fuqu l-isem tal-genituri tar-ragel jibdew jidhru “Salvatore Cucchiara u Vincenza Cucchiara nee’ Cucinella” filwaqt li isem il-genituri tal-mara jibdew jidhru Benny Vella u Rose Vella xebba Formosa.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku ghal Malta li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi dwar it-talbiet numru wiehed sa tmienja, il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur ai termini ta’ l-Artikolu 239 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Illi preliminarjament ukoll, fir-rigward tat-talbiet disgha u ghaxra, din il-Qorti m’hijiex kompetenti biex tiddecidi fuq atti ta’ l-istat civili li gew registrati fir-Registru Pubbliku ai termini ta’ l-Artikolu 253(4) tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi bla pregudizzju, l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressive ta’ iskrizzjoni 1387 tas-sena 2003 gie redatt fuq Att taz-Zwieg li gie registrat f’Palermo, fl-Italja u ghalhekk il-Qrati Maltin ma jistghux jordnaw korrezzjoni fuq l-Att imsemmi jekk mhux wara d-debita awtorizazzjoni mill-awtoritajiet Taljani kompetenti.

Rat li ghalkemm il-konvenut Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex gie debitament notifikat, baqa’ ma wegibx.

Rat id-dokumenti kollha nkluz ix-xhieda ta’ Benny Vella u ta’ l-avukat Dr. Kevin Mompalao.

Rat ukoll l-avviz li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur prezentata fit-23 ta’ Jannar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-bidla f’Atti ta’ Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna li tkun, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f’dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f’atti bhal dawn.

2. Illi minn qari tar-rikors jirrizulta li d-Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex gie mharrek fir-rigward ta’ dawk l-atti li huma registrati gewwa Ghawdex filwaqt li d-Direttur Registru Pubbliku ghal Malta gie mharrek fir-rigward ta’ dawk l-att li huma registrati gewwa Malta. Fatt li gie kkonfermat mill-atturi stess fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw.

3. Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx li m'ghandix kompetenza fir-rigward tad-disgha (9) u l-ghaxar (10) talbiet u anzi taqbel mal-argumenti li ngiebu mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-23 ta' Jannar 2007, hija tal-fehma li t-tielet eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta (fol. 25) timmerita li tigi milqugha. L-Artikolu 244 tal-Kodici Civili jaqra:-

*"Any act of birth, marriage or death of a citizen of Malta drawn up or registered in a foreign country by a competent authority in that country, other than an act drawn up or registered under sub-article (l) or sub-article (2) of article 270, may, at the request of any person interested and upon the Director of the Public Registry being satisfied on the authenticity of such act, be registered in these Islands in the same manner as if it were an act drawn up by any of the persons mentioned in this Title.*

*(2) The person making the request shall, for the purposes of registration, deliver to the Director the act in respect of which such request is made"*.

Minn qari ta' dan il-provvediment jidher ghalhekk li dak li jigi registrat huwa c-certifikat li jkun inhareg minn barra minn Malta. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-att skond l-att li jkun inhareg minn barra minn Malta. L-atturi ma ressqux provi biex juru li d-Direttur tar-Registru Pubbliku halla barra nformazzjoni li kienet imnizzla fic-certifikat ta' zwieg mahrug mill-awtorita' kompetenti gewwa Palermo, fejn jirrizulta li gie celebrat iz-zwieg bejn Mimmo u Sharon konjugi Cucchiara fit-28 ta' Gunju 2003. In forza ta' dan il-provvediment, dak li qieghed jigi registrat f'Malta huwa l-att li jkun inhareg mill-awtorita' kompetenti fl-esteru u xejn iktar. Skond il-ligi ghalkemm dak l-att ikun maghmul minn awtorita' kompetenti barranija, ghandu jigi kkunsidrat bhallikieku kien att maghmul min-nies li skond il-ligi Maltija ghandhom l-awtorita' li jaghmlu dak l-att. Dak hu kollu li qeghda tipprovdi ghalih il-ligi u xejn iktar.

4. Illi mill-provi rrizulta li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Gunju 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Benny Vella et vs Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex** (Cit. nru:- 35/2006PC), il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 106/1953 u fl-att taz-zwieg numru 76/1978 huwa skorrett u ordna korezzjoni fis-sens li fl-ewwel wiehed l-isem “Beninio” ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”, filwaqt li fit-tieni wiehed l-isem “Beninju” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Benny”. Kawza li llum hija gudikat u li minnha ma sar l-ebda appell.

5. Ghalhekk isem missier tal-atturi huwa llum registrat bhala Benny u t-talbiet numru wiehed sa tmienja tac-citazzjoni huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

(A) Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijet tal-konvenut Direttur Registru Pubbliku ta' Malta, u tilqa' l-ewwel tmien talbiet ta' l-atturi u tordna:-

1. Il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid numru mitejn u sitta u tmenin (286) ta' l-elf disgha mija u wiehed u disghajn (1991) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid ta' l-attur Mario Vella, billi kull fejn fl-imsemmi att jidher l-isem “Beninio” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”.
2. Il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru mitejn u tlieta u ghoxrin (223) ta' l-elf disgha mija u tmenin (1980) relattiv ghat-twelid ta' Joanne Sciberras (xebba Vella), billi kull fejn fl-imsemmi att jidher l-isem “Benigno” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”.
3. Il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru mitejn u sittin (260) ta' l-elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978) relattiv ghat-twelid ta' Sharon Cucchiara (xebba Vella), billi kull fejn fl-imsemmi att jidher l-isem “Benjamin sive Belinn” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Benny”.
4. Il-korrezzjoni ta' l-Att taz-Zwieg numru hmistax sbarra elfejn u hamsa (15/2005) fir-Registru Pubbliku ghal

Ghawdex relattiv ghaz-zwieg ta’ l-attrici Joanne Sciberras (nee’ Vella) b’mod illi kull fejn jidher l-isem “Benigno” dan ghandu jigi kkoregut u sostwit bl-isem “Benny”.

(b) Tichad id-disgha u l-ghaxar talbiet ta’ l-atturi u tilqa’ t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Il-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------